# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 5 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 159/2017 JVC**

**Anthony Camilleri (ID 498155M) u Antonia Camilleri (ID 347359M)**

**vs**

**Albert Camilleri (ID 839851M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Anthony Camilleri et ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Peress illi l-esponenti huma s-sidien ta' garaxx minghajr numru u isem fi Triq Censu Busuttil Street l-Iklin liema garaxx flimkien ma garaxx iehor u d-dar bl-isem ta'

‘Andarugo’ bin-numru ufficjali 109 huma mibnija fuq porzjon ta’ art fabbrikabbli formanti parti mill-ghalqa msejha ‘ix-Xafqa ta’ Barra’ fil-kontrada ta’ l-iklin indikata bhala plot numru wiehed u erbghin akkwistata mill-esponent Anthony Camilleri matul iz-zwieg tieghu ma Antonia Camilleri minghand Gustav Sciortino u ohrajn permezz ta’ kuntratt datat 10 ta’ Lulju 1986 fl-atti tan-nutar Joseph Spiteri;

2. Peress illi l-intimat ilu ghal diversi snin jokkupa dan il-garaxx li jinsab biswiet il-garaxx l-iehor li min naha tieghu jmiss ma dar bl-isem ta’ ‘Andarugo’ bin-numru ufficjali 109 fuq imsemmija fi Triq Censu Busuttil, Iklin u dan b’mera tolleranza u minghajr hlas ta’ ebda korrispettiv;

3. Peress li l-intimat gie interpellat sabiex jizgombra mill-imsemmi garaxx izda baqa inadempjenti;

4. Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167(1)(B) et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li din hija azzjoni ghal zgumbrament billi ma hemmx titolu validu skond il-ligi u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talba taghhom.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ Artikolu 167(1)(B) et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li din hija azzjoni ghal zgumbrament billi ma hemmx

titolu validu skont il-ligi u fil-fehma tar-rikorrent l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba tieghu;

2. Tikkundanna lill-intimat jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-garaxx fuq imsemmi liema garaxx jinsab biswiet il-garaxx li jinsab biswiet id-dar bl-isem ta' 'Andarugo' numru 109 fi Triq Censu Busuttil Iklin stante li ma ghandux titolu validu skond il-Ligi prevja dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li l-intimat ma ghandux titolu validu skond il-ligi fuq l-garaxx in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat illi l-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 167 sub-artikolu (1) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bi procedimenti sommarju specjali;

Rat illi l-kawza giet appuntata ghas-16 ta' Marzu, 2017 fejn il-konvenut wera li kellu ragunijiet *prima facie* biex jikkontesta t-talbiet attrici u l-Qorti diversament presjeduta ordnat li l-kawza titkompla bil-procedura ordinarja u awtorizzat lill-konvenut jipprezenta risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) jum;

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Albert Camilleri kif isegwi:

1. 'Illi b'mod preliminari, l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-garaxx in kwistjoni ilu fil-pussess tal-intimat ghal aktar minn tletin sena u f'dan iz-zmien l-intimat qatt ma gie interpellat, lanqas verbalment, sabiex jizgombra mill-istess garaxx;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan il-garaxx inghata lill-intimat minghand huh, ir-rikorrent Anthony Camilleri, u dan in kontra kambju ghall-fatt li l-intimat hallas lill-bennej tal-istess rikorrent ghall-kostruzzjoni tal-fond tar-rikorrent li jinsab adjacenti l-garaxx in kwistjoni u dan kollu kif se jirrizulta ulterjorment waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Illi ghalhekk m'huwiex minnu li l-intimat qieghed jokkupa l-garaxx in kwistjoni b'mera tolleranza;

5. Illi ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.'

Rat l-affidavits, xiehda, kuntratti, dokumenti, kontro-ezamijiet u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi b'digriet tas-6 ta' April, 2017 il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi dan in vista tal-eccezzjonijiet hemm sollevati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Alfred Camilleri a fol. 154 sa fol. 166 tal-process u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Anthony Camilleri et a fol. 169 sa fol. 180 tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Dicembru, 2019 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni in difett' ostacolo;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi jallegaw li huma s-sidien ta' garaxx minghajr numru u minghajr isem fi Triq Censu Busuttil, Iklin liema garaxx flimkien ma' garaxx iehor biswitu u d-dar bl-isem 'Andarugo' bin-numru 109 fi Triq Censu Busuttil, Iklin inbnew fuq porzjon art fabrikabbli mixtrija minnhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 10 ta' Lulju, 1989 (ara kuntratt a fol. 21 sa fol. 23 tal-process). L-atturi jallegaw li l-konvenut ilu jokkupa l-garaxx li jinsab biswit il-garaxx l-iehor ghal diversi snin u dan b'mera tolleranza u minghajr hlas. Ghalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jizgombra mill-garaxx li jinsab biswit l-garaxx l-iehor proprjeta' taghhom biswit id-dar bl-isem 'Andarugo' bin-numru 109 fi Triq Censu Busuttil, Iklin stante li huwa m'ghandux titolu validu skont il-Ligi u prevja dikjarazzjoni jekk hemm bzonn f'dan is-sens.

Illi min-naha tieghu l-konvenut wiegeb preliminarjament illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li l-garaxx ilu fil-pussess tieghu ghal aktar minn tletin (30) sena. F'dan iz-zmien l-intimat qatt ma gie nterpellat, lanqas verbalment sabiex jizgombra mill-garaxx, b'dan li mhux minnu li huwa qieghed jokkupa l-garaxx b'mera tolleranza. Il-konvenut eccepixxa wkoll li l-garaxx inghata lilu in kontro kambju stante li huwa hallas il-bennej ghall-kostruzzjoni tal-fond tal-atturi u li t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

**Preskrizzjoni:**

Illi l-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjoni preliminari u cioe' dik relatata mal-preskrizzjoni akwizittiva trentennali ai

termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li taqra kif isegwi:

> '1. Illi b'mod preliminari, l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi l-garaxx in kwistjoni ilu fil-pussess tal-intimat ghal aktar minn tletin sena u f'dan iz-zmien l-intimat qatt ma gie interpellat, lanqas verbalment, sabiex jizgombra mill-istess garaxx;'

Illi jinghad li fis-seduta ta' nhar is-6 ta' April, 2017 (ara verbal a fol. 19 tal-process) din il-Qorti diversament preseduta in vista tal-eccezzjonijiet issollevati ordnat l-inverzjoni tal-provi.

**Sintesi tal-Provi:**

**Provi mressqa mill-konvenut Albert Camilleri.**

**Il-konvenut Albert Camilleri** (a fol. 26 sa fol. 37 tal-process)

Il-konvenut Albert Camilleri xehed bil-procedura tal-affidavit fejn beda billi qal li huwa kien akkwista zewg plots bin-numri disgha u tletin (39) u erbghin (40) li jinsabu fi Triq Censu Busuttil, Iklin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon nhar il-15 ta' Mejju, 1970 (ara kuntratt a fol. 28 sa fol. 31 tal-process). Huwa jispjega li fuq dawn iz-zewg plots huwa bena d-dar bl-isem 'Yungfrau' u garaxx adjacenti fuq in-naha tax-xellug tad-dar meta thares lejha mill-faccata minn Triq Censu Busuttil (ara ritratt a fol. 32 tal-process). L-arja ta' fuq il-garaxx baqghet mhux mibnija pero' fuq ix-xellug tal-garaxx huwa bena tromba tat-tarag sabiex

eventwalment il' quddiem din l-arja ta' fuq il-garaxx tinbena. Jghid li l-kaxxa tat-tarag inbniet fuq l-art proprjeta' tieghu.

Huwa Ikompli jghid li l-plot bin-numru wiehed u erbghin (41) adjacenti l-plots tieghu baqa' ghal bejgh snin twal u huwa hajjar lil huh l-attur Anthony Camilleri sabiex jixtrija. Jghid li huh Anthony Camilleri ghamel dan fl-10 ta' Lulju, 1986. Isostni wkoll li huh Anthony Camilleri fuq dan il-plot beda jibni zewg garaxxijiet wiehed minnhom imiss mat-tromba tat-tarag tieghu. Dan il-garaxx li jmiss mat-tromba tat-tarag tieghu huwa l-garaxx mertu tal-kawza odjerna.

Il-konvenut jghid li ftit taz-zmien wara li l-attur beda bl-izvilupp sab ruhu f'diffikulta finanzjarja u kien ghalhekk li l-konvenut ftiehem mal-bennej certu Joe il-'Bull' sabiex huwa jtih l-arja fuq il-garaxx tieghu bhala hlas tal-binja ta' huh l-attur. Il-bennej stima l-arja bil-prezz ta' tmien mitt lira (Lm800) li kien bizzejjed biex ikopri l-ispejjez tal-izvilupp tal-binja tal-attur. Jghid li huh l-attur Anthony Camilleri sabiex jaghmel tajjeb ghal arja tah il-garaxx mertu tal-kawza u cioe' l-garaxx mibni fuq il-plot wiehed u erbghin (41) fuq in-naha tal-lemin meta thares mit-triq u li jmiss mat-tromba tat-tarag mibnija fuq il-plots tieghu li hadha il-bennej Joe 'il-Bull'. Ikompli jghid li Joe 'il-Bull' ma riedx jaghmel kuntratt ta' trasferiment direttament fuqu pero' ried li huwa jidhol f'kuntratt direttament ma' terzi li jixtru din l-arja u hekk difatti sar fejn permezz ta' wiehed certu Victor imlaqqam il-'Fajsu', l-arja inbieghet lil wiehed certu Bertu Gauci minn Birkirkara permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 5 ta' Dicembru, 1986 (ara kuntratt a fol. 33 sa fol. 35 tal-process). Il-flus ghaddew direttament f'idejn il-bennej Joe 'il-Bull'.

Il-konvenut jghid li huh ma kellux flus sabiex ikompli l-finishings u kien ghalhekk li ha loan mill-bank Lohombus Bank (illum HSBC) fejn rabtulu l-post tieghu u z-zewg garaxxijiet inkluz il-garaxx in kwistjoni). Jispjega li meta kellem lin-Nutar Angelo Vella huwa spjegalu li huh ma setax jaghmel kuntratt biex il-garaxx in kwistjoni jinqaleb fuq il-konvenut peress li l-garaxx kien maqbud biex jaghmel tajjeb ghal loan. Ikompli jghid li l-garaxx li huh tah bi tpartit tal-arja gie f'idejh f'Awwissu 1986 u fil-fatt huwa hallas ghall-bieb tal-garaxx in kwistjoni lil certu Gejtu Camilleri (ara ricevuta a fol. 36 tal-process).

Jaghlaq billi jghid illi minn dakinhar sallum il-garaxx dejjem kien tieghu u l-access kien biss f'idejh u f'idejn uliedu. Dejjem huwa ghamel uzu mill-garaxx u anki kien hemm okkazzjonijiet fejn krieh lil terzi. Jghid li Anthony qatt ma kellu cavetta tal-garaxx u f'dawn is-snin kollha qabel ma nfethet il-kawza qatt ma qallu li l-garaxx huwa tieghu u qatt ma qallu sabiex jaghtih access ghal garaxx u qatt ma rcieva xi ittra. Jghid li l-unika ittra li rcieva kienet dik mibghuta mill-avukat tieghu datata 15 ta' Novembru, 2016 (ara ittra a fol. 37 tal-process) fejn l-attur qal li l-garaxx huwa tieghu. Jghid li huwa u huh kienu ilhom ma jitkellmu ghal madwar tmienja u ghoxrin (28) sena u meta kiteb din l-ittra huwa kellem lit-tfal tal-attur u qalulu li kienu qalu lil missierhom u kien jaf li l-garaxx mhux tieghu pero' qallhom biex ma jindahlux.

Il-konvenut esebixxa wkoll ritratt mill-faccata tal-fondi fejn spjega liema huwa l-garaxx mertu tal-kawza odjerna.

**Kontro-ezami fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Ottubru, 2018** (a fol. 132 sa fol. 143 tal-process)

Jghid li damu madwar sena u nofs – sentejn biex bnew il-post tieghu u ta' martu li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-garaxx in kontestazzjoni. Jghid ukoll li l-plot ta' huh Anthony hallashom kollha Anthony. Jikkonferma li huh Anthony kien bena isfel u hallsu. Kien gie joqghod isfel fil-garaxx sa x'hin lesta fuq ghaliex ma kellux flus. Jghid li ma jafx kemm dam biex bena d-dar tieghu l-attur pero' ma kienx dam ghaliex isfel kellu l-appoggi gia lesti u huwa isfel ried ilesti ghax ried jmur joqghod fih ghaliex biegh fejn kien joqghod f'San Pawl u x-xerrej ried il-post malajr u fuq kompla jibni bil-mod.

Jghid li huh fir-rigward tal-bini ta' fuq ma harigx flus ghaliex il-bennej thallas bl-arja ta' fuq il-garaxx tieghu u l-bennej ried li l-kuntratt isir direttament ma' min jixtrih. Jghid li huwa flus ma harigx pero' taha l-arja lil bennej biex jibnilu d-dar u fl-istess waqt huh kien jghix isfel fil-post. Jaqbel li huwa ma hallas xejn mill-loan li huh Anthony kellu mal-Lohombus Bank. Jghid li l-Bull ghamillu ricevuta lil huh li huwa thallas bi flus ghaliex ma setax jghid li tajthomlu. Qal li meta qal lil huh x'ser jaghmlu huwa offrilu l-garaxx iz-zghir u peress li kienu ahwa flimkien accettaw.

Ikompli jixhed li skont hu li l-binja kienet marbuta kollha mal-bank u dan qalulu n-Nutar Angelo Vella u jichad li mhux minnu li l-garaxx ma kienx marbut. Jghid li lil Gaetano Camilleri li skont hu ghamilli l-bieb tal-garaxx in kwistjoni u hallsu f'Awwissu 1986 (ara cheque a fol 36) jafu kemm hu kif ukoll huh Anthony. Jghid li l-mija u tletin lira (Lm 130) huwa hlas tal-bieb tal-garaxx. Jinsisti li lil Gaetano Camilleri kull ma qabdu fil-garaxx huwa biex jaghmel il-bieb u t-twieqi hadimhom hu.

Ikompli jixhed in kontro-ezami li bhala xoghol fil-plot ta' huh l-attur ma kienx jinvolvi radam u b'hekk ghaggel ix-xoghol. Kien

jahdem kuljum, u meta mar joqghod fil-garaxx kien il-bieb tal-bitha ghamlu bieb tat-toilet kellu bicca njama biex joqghod fih. Jghid li bhala xoghol beda qabel il-kuntratt ta' akkwist li sar fl-10 ta' Lulju, 1986 u li fi tlett (3) gimghat kien lest is-sular ta' isfel. Jghid li tahmil ma kienx hemm u dawl u ilma ghamluh huma stess fejn kienu jahdmuh huma wara l-hin. Jghid li dan ix-xoghol kollu sar fi zmien tlett (3) gimghat. Jinsisti li meta dahal gol-garaxx huh ma kienx kollox lest.

Dwar l-art mixtrija minn huh l-attur jghid li ma jiftakarx kemm ezatt kien hemm cens u ma jafx ta' min kien ic-cens. Jaf x'kellu fuq tieghu bhala cens pero' ma jafx x'kellu huh Anthony ghaliex ma kienx jinteressah. Jghid li l-Perit kien certu Joe Vella u wara li gie ssuggerit ikkorega ruhu ghal Joe Falzon tal-Mosta. Jghid li lil Perit ma hallsux hu ghaliex mhux hu qabbdu izda huh.

**Tessie Camilleri – mart il-konvenut Albert Camilleri** (a fol. 40 sa fol. 41 tal-process)

Tessie Camilleri li tigi mart il-konvenut u oht il-mara tal-attur xehdet bil-procedura tal-affidavit. Tghid li Anthony Camilleri (l-attur) kien qieghed jibni zewg garaxxijiet u d-dar bl-isem ta' 'Andarugo' fi Triq Censu Busuttil, Iklin u peress li ma kellux flus biex ikompli l-binja, l-bennej bl-isem ta' Joe kien ippropona lil Anthony sabiex ikellem lir-ragel taghha huh il-konvenut Albert sabiex huwa jaghti l-arja ta' fuq il-garaxx tieghu lil bennej sabiex ikun jista ikompli bil-binja. In kontro kambju l-attur Anthony jaghti l-garaxx li jigi fuq il-lemin meta thares lejhom mit-triq u li jmiss mat-tromba tat-tarag (ara ritratt a fol. 32). Tghid li ghal ewwel ma kinux ser jaccettaw peress li ma kienx jaqblilhom pero' wara qablu. Tkompli li di fatti l-bennej ha l-arja u huma hadu l-garaxx mertu tal-kawza odjerna.

Tkompli li r-ragel taghha Alfred Camilleri sahansitra ha lil huh l-attur Anthony Camilleri l-bank Lohombus Bank biex jissellef il-flus biex ikun jista jkompli jahdem fuq il-post tieghu. Tispjega li l-garaxx haduh gebel u saqaf u kien ir-ragel taghha l-konvenut Alfred Camilleri li ghamillu l-bieb, kahhlu u ghamillu l-konkos.

Tixhed li l-garaxx ilu ghandhom aktar minn tletin (30) sena u matul dawn is-snin kollha dejjem uzawh huma u t-tfal taghhom u anki krewh. Xi drabi meta ma kienx hemm id-dghajsa fil-garaxx kien jisselfu r-ragel tat-tifla li fih kien idahhal il-merkanzija. Taghlaq billi tghid li l-attur Anthony Camilleri qatt ma talabhom cavetta u lanqas qatt talabhom access ghal garaxx u tul is-snin kollha qatt ma qal li l-garaxx huwa tieghu. Tghid li l-kwistjoni qamet biss dan l-ahhar ghaliex veru li l-garaxx huwa fuq isem Anthony imma huwa jaf li l-garaxx in kwistjoni hu taghhom, ghalhekk qatt ma qal xejn.

**Victor Muscat – wiehed mill-girien** (a fol. 41 tal-process)

Victor Muscat xehed bil-procedura tal-affidavit u jsostni li jghix faccata tal-garaxx li fuqu hemm il-kwistjoni bejn Albert Camilleri u Anthony Camilleri.

Jghid li huwa dejjem ra lil Albert Camilleri jiftah dan il-garaxx u di fatti Albert gieli kien jghidilhom biex iressqu l-karozza taghhom halli jkunu jistghu johorgu u jidhlu bil-lanca. Jghid li lil Anthony Camilleri l-attur qatt ma rah fil-garaxx u qatt ma rah la jiftah il-garaxx u lanqas ipoggi xi karozza.

Jghid li xi tletin (30) sena ilu huwa kien kellem lil Bertu Gauci li kien xtara post minghand bennej imlaqqam il-'Bull' liema post

illum qieghed ghand wahda certa Jessie. Dan il-post jigi fuq in-naha tal-lemin tal-garaxx in kwistjoni u cioe' l-arja li l-konvenut isostni li taha lill-bennej u in kontrakambu l-attur tah il-garaxx in kontestazzjoni.

Jaghlaq billi jghid li huwa issa ilu hemm aktar minn tletin (30) sena u l-garaxx dejjem jafu ghand il-konvenut Albert Camilleri.

**Helen Ciantar – wahda mill-girien** (a fol. 42 tal-process)

Helen Ciantar ukoll xehdet bil-procedura tal-affidavit. Tghid illi toqghod faccata tal-garaxx in kwistjoni li jinsab fuq in-naha tax-xellug tat-tromba tat-tarag u proprjeta' li kienet ta' certu Bertu Gauci. Tghid li hija ilha toqghod hemm minn qabel ma twieled it-tifel taghha li llum ghandu tletin (30) sena. Tghid li lil Albert Camilleri u Anthony Camilleri tafhom joqghodu hemm fejn xulxin u kienu ilhom hemm minn qabel ma marret hi.

Tixhed li Albert Camilleri u Anthony Camilleri kienu jahdmu fuq il-monti u fil-fatt hekk kif il-konvenut Albert Camilleri kien izarma mill-monti kien jaqbad id-drappijiet u jitfa' kollox fil-garaxx mertu tal-kawza odjerna. Tispjega li lil Albert ilha tafu juza dan il-garaxx ghal aktar minn tletin (30) sena fejn kienet tarah diehel u hiereg. A kuntrarju lil huh Anthony qatt ma ratu diehel u hiereg mill-garaxx u qatt ma ratu jippostja xi affarijiet fil-garaxx u lanqas qatt ma rat il-karazza tieghu gol-garaxx jew ratu b'xi cavetta ghall-garaxx.

Taghlaq billi tghid li Albert kif ukoll ibnu gieli marru jghidulha sabiex iccaqlaq ftit il-karozza halli jkunu jistghu johorgu jew idahhlu l-cabin cruiser mill-garaxx in kwistjoni.

**Gaetano Camilleri – hadem il-bieb tal-garaxx in kwistjoni** (a fol. 45 tal-process)

Huwa wkoll jixhed bil-procedura tal-affidavit u jghid li ilu jaf lill-konvenut Alfred Camilleri l′ fuq minn erbghin (40) sena peress li kienu jarmaw il-monti fejn xulxin. Isostni li dak iz-zmien kien jahdem il-hadid u Alfred kellu bzonn xi xoghol ta′ hadid u kien qabbad lilu sabiex jaghmillu l-bieb tal-garaxx tad-dar personali tieghu fl-Iklin. Jghid li wara certu zmien Alfred kien qabbdu wkoll jaghmillu bieb ta′ garaxx iehor li hu l-garaxx li jinsab fuq in-naha tax-xellug tal-garaxx li tieghu kien gia ghamillu l-bieb u li bejn dawn iz-zewg garaxxijiet hemm bieb. Jghid li dan il-bieb ghamlu madwar tletin (30) sena ilu. Jghid li jiftakar li Albert dejjem kien kellmu fuq dan il-bieb u fil-fatt kien thallas minghandu. Jikkonferma c-cekk li thallas bih u esebixxa kopja tieghu mal-affidavit.  Dan ic-cekk igib id-data tal-11 ta′ Awissu, 1986 esebit a fol. 46 tal-process.

**John Xuereb – kera ghal xi zmien il-garaxx in kwistjoni minghand il-konvenut** (a fol. 47 tal-process)

John Xuereb jixhed bil-procedura tal-affidavit fejn jghid illi fl-2003 huwa kien ra sinjal ′To Let′ ma′ garage li jinsab fi Triq Censu Busuttil fl-Iklin u liema sinjal kellu fuqu numru ta′ telephone. Jghid li dik il-habta kien jghix ma′ ommu u missieru fl-Iklin u l-garaxx tad-dar kien juzah missieru u kien ghalhekk li huwa cempel fuq dak in-numru li ra fuq it-tabella tal-garage. Jghid li kien wiegbu l-konvenut Albert Camilleri u ltaqa′ mieghu fuq il-post fejn fetahlu l-garage u wrieh l-istess garage. Jghid li l-garage kien ghogbu u ftehmu li jikrih ghas-somma ta′ mitejn lira (Lm 200) kera fis-sena u jghid li kien tah il-kera dak il-hin stess. Jikkonkludi billi jghid li wara sena ma kienx rega′ gedded il-kera u ddecieda li

jibda jhalli l-karozza tieghu barra d-dar fejn kien jghix. Ghalhekk ghadda c-cavetta tal-garage lura lill-konvenut Albert Camilleri.

**Jennings Camilleri – iben il-konvenut** (a fol. 48 tal-process)

Xehed bil-procedura tal-affidavit u jibda billi jghid li huwa jigi t-tifel tal-konvenut Alfred Camilleri. Jispjega li huwa ghandu sebgha u tletin (37) sena u l-garaxx in kwistjoni u cioe' l-garaxx taht id-dar ta' zijuh Anthony Camilleri dejjem uzawh huma. Jghid li huwa ghamel sitt (6) snin juza l-garaxx fejn kull xitwa kien idahhal d-dghajsa. Jghid li qabel aktar minn sittax (16) il-sena ilu missieru kien idahhal id-dghajsa u qabel missieru kien idahhal it-Transit. Fil-bqija l-garaxx kien inkera jew kienu jitfghu xi affarijiet li kien ikollhom.

Ikompli li meta kien ser jizzewweg wiehed mill-kugini tieghu u cioe' wiehed mit-tfal tal-attur Anthony Camilleri kien cempel sabiex jitolbu jistghux jizbghu l-bieb tal-garaxx in kontestazzjoni u huma (l-konvenuti) kienu qalulu li ma kinitx problema. Jghid li pero' fiz-zmien li kienu qed jizbghu l-bieb tal-garaxx qatt ma tawhom cavetta u lanqas qatt ma fethu l-garaxx peress li x-xoghol sar biss fejn jidher u cioe' minn barra. Ikompli jghid li l-kugini tieghu kemm-il darba ppruvaw jikru l-garaxx mertu tal-kwistjoni minghand missieru l-konvenut pero' huma qatt ma tawulhom taht titolu ta' kera. Izid li kien hemm okkazzjonijiet specjalment meta kienu bid-dghajsa fejn jew kienet tkun gew jew inkella nizzluwha u b'hekk mhux xi haga li kien diehel u hiereg li l-kugin tieghu Rupert (it-tifel tal-attur Anthony Camilleri) kien jipparkja l-karozza tieghu quddiem il-garaxx u gie li gab xi kaxxa pasti bhala ringrazzjament talli kien jithalla jipparkja hemm. Jghid li lil zijuh Anthony kien ikelmu ftit l'hemm u l'hawn u meta kienet qieghda ssir il-bankina madwar erba' (4) snin ilu, zijuh Anthony kien qallu

biex jiehu hsieb ix-xoghol ghax jidhlulhom il-grieden. Darb' ohra jghid li kien battal it-tank tad-dghajsa u qallu jekk kienux huma li waddbu l-ilma ghax kellu xi ilma fil-garaxx tieghu u cioe' ghal garaxx li jmiss mal-garaxx in kwistjoni.

Ghalaq billi qal li l-garaxx in kwistjoni dejjem ghandhom jafu. Min-naha ta' zijuh l-attur Anthony Camilleri qatt ma talabhom cavetta u lanqas qatt dahal fil-garaxx in kwistjoni. Jghid li lanqas idea ma kellu li kien ser jigri hekk u sar jaf b'din il-kwistjoni meta ntbghatet ittra lill-missieru.

**Denise Micallef – bint il-konvenut Albert Camilleri**(a fol. 49 tal-process)

Denise Micallef tixhed bil-procedura tal-affidavit u tibda billi tghid li hija t-tifla tal-konvenut Albert Camilleri. Tispjega li hija tiftakar l-art li fuqha hemm il-kwistjoni tinbena u tiftakar lill-bennej li kien imlaqqam il-'Bull' jibni l-post taz-ziju Anthony Camilleri u cioe' z-zewg garaxxijiet u d-dar bl-isem Andarugo fi Triq Censu Busuttil, Iklin. Tghid li tiftakar lil missierha jghid li ser jaghti l-arja ta' fuq il-garaxx taghhom lill-bennej sabiex ikun jista' ikompli bil-bini tal-post ta' Anthony.

Tkompli tixhed li l-garaxx in kwistjoni tafu dejjem ghand missierha u li fil-fatt tafu ghandu ghal aktar minn tletin (30) sena. Tghid li tiftakar lil missierha jdahhal il-van tal-monti u d-dghajsa u kien hemm xi zmien fejn hi u r-ragel taghha kienu juzaw il-garaxx sabiex idahhlu xi xoghol u sa ftit ilu kellha l-ixkafef gol-garaxx.

Taghlaq li lil Anthony Camilleri qatt ma ratu bic-cavetta tal-garaxx in kwistjoni u qatt ma taf li kellu wahda. Aktar minn hekk ic-

cavetta dejjem minghand missierha haduha u qatt ma taf li saqsew liz-ziju ghac-cavetta tal-garaxx. Qatt ma semghet lil zijuha l-attur jsemmi xi haga rigward il-garaxx u qabel ma semghet bil-kawza ma kienu semghu xejn.

**Annaliese Micallef – bint il-konvenut Albert Camilleri** (a fol. 50 tal-process)

Tixhed li tiftakar il-garaxx in kwistjoni jinbena u li dan il-garaxx dejjem tafu f'idejn missierha l-konvenut. Tghid li xi drabi gieli dahhlet xi affarijiet fil-garaxx u li sa ftit zmien qabel ghamlet l-affidavit kienet harget xi affarijiet li kellha fih. Tghid li biex tuza l-garaxx hija kienet titlob ic-cavetta lil missierha u qatt ma talbet ic-cavetta lil zijuha l-attur Anthony. Tkompli tghid li missierha kera l-garaxx in kwistjoni lil terzi u dejjem taf li huma uzawh u anke kienu jdahhlu d-dghajsa fih.

Taghlaq li ghalkemm kienet taf li l-garaxx ma kienx fuq isem missierha qatt ma semghet lil Anthony jghid xi haga fuq il-garaxx sakemm infethet il-kawza.

**Alison Mifsud Brimmer – rapprezentanta tas-socjeta' HSBC Bank Malta plc** (a fol. 51 u fol. 52; a fol. 70 sa fol. 74 u a fol. 84 sa fol. 88 tal-process)

Alison Mifsud Brimmer tixhed viva-voce fejn tghid li skont ricerka li ghamlet fuq isem Anthony Camilleri bil-karta tal-identita` numru: 498155M kellu loan account li nfetah fit-23 ta' Lulju, 1987 u li nghalaq fl-10 ta' April, 2006. Tghid li l-loan ittiehdet fuq il-proprjeta' u esebiet bhala Dok HSBC 1 – sanction letter u Dok HSBC 2 – Statement tal-loan.

Xehdet f'seduta ohra fejn esebiet il-kuntratt ta' self (a fol. 76 sa fol. 83 tal-process). Obbligat ruhha li permezz ta' nota tghaddi kopja ta' dokumenti ohra mitluba.

Jinghad li permezz ta' nota fl-atti l-HSBC Bank Malta plc ipprezentata nhar it-30 ta' Mejju, 2018 l-Bank informa lil Qorti li kopja tal-ipoteka u/jew kwalunque nota ta' riduzzjoni relattiva ghal facilita bankarja mahruga mill-bank a favur Anthony Camilleri ma nstabitx fil-file.

**Provi mressqa mill-atturi Anthony Camilleri u Antonia Camilleri:**

**L-attrici Antonia Camilleri** (a fol. 92 u fol. 93 tal-process)

L-attrici Antonia Camilleri xehdet bil-procedura tal-affidavit fejn bdiet billi tghid li hija l-mara ta' Anthony Camilleri. Tghid illi fis-sena 1986 hija u r-ragel taghha saru jafu bi plot ghal bejgh gewwa l-Iklin u li kienet tghodd ghalihom u fil-fatt iddecidew li jixtruha u dan permezz ta' kuntratt fl-1 ta' Lulju 1986 versu l-prezz ta' tlett elef u tlett mitt lira (Lm 3300). L-art inxtrat u thallset mir-ragel taghha. Tghid li ftit xhur wara li kienu xtraw il-plot kien beda x-xoghol ta' bini u taf li nbnew fuq din il-plot zewg garaxxijiet fil-livell tat-triq wiehed ikbar mill-iehor u fuqhom maisonette li fiha ghadhom jghixu sallum.

Tghid li hija taf li r-ragel taghha hallas il-bennej li bena l-plot kollu u li sabiex ghamlu l-finishes tal-binja kienu hadu self mill-Bank li hallsu fuq diversi snin. Il-binja kollha u cioe' d-dar flimkien maz-zewg garaxxijiet kienu lesti minn kollox u mghammra u finished lejn l-ahhar tas-sena 1987 u marru jghixu fiha f'din id-dar gdida fil-bidu tas-sena 1988. Tkompli tghid li l-intiza taghha u tar-ragel

dejjem kienet li filwaqt li l-garaxx il-kbir ta' taht il-maisonette jintuza ghal bzonnijiet ta' kuljum sal-punt li kien qisu estensjoni tal-maisonette, l-garaxx iz-zghir mertu tal-kawza odjerna kellu jintuza bhala 'store' ghall-merkanzija tar-ragel li kien u ghadu jarma fuq il-monti.

Tghid li Albert Camilleri, hu r-ragel taghha, huwa mizzewweg lil ohtha Tessie. Taf illi Albert fis-snin kien ukoll jarma fuq il-monti. Izzid li meta marru jghixu fid-dar ir-ragel taghha Anthony kien beda jahzen l-affarijiet tieghu fil-garaxx mertu tal-kawza odjerna u ftit tax-xhur wara huh l-konvenut Albert talab permess lir-ragel taghha sabiex jibda jahzen xi merkanzija tieghu fil-garaxx mertu tal-kawza. Tghid li r-ragel taghha ma oggezzjonax u tkompli li hija konoxxenti li ghal numru ta' snin ir-ragel taghha ppermetta lil huh Albert sabiex jahzen merkanzija fil-garaxx mertu tal-kawza odjerna. Issostni li huma kienu haga wahda u taf li r-ragel taghha dejjem tratta lil huh tajjeb.

Tkompli tghid li fis-sena 2000 jew 2001 Albert Camilleri ma baqax jarma fuq il-monti u ma baqax igib merkanzija ghalhekk kien hareg kull ma kellu fil-garaxx taghhom. Izzid li pero' wara xi ftit zmien Albert kien talab lir-ragel taghha permess sabiex jibda jpoggi l-karozza tieghu u ghal xi zmien tat-tifel tieghu fil-garaxx u ghal xi zmien zammu wkoll dghajsa li tpoggiet hemm ghal zmien qasir bil-permess tar-ragel taghha. Tghid li r-ragel qatt ma oggezzjona peress li huma tal-familja. Izzid li minn meta inbena l-garaxx qatt ma ghaddilhom minn rashom li Albert ser jassumi li l-garaxx huwa taghhom. Qatt ma qallhom li l-garaxx huwa tieghu jew li ghandu xi drittijiet fuqu.

Taghlaq billi tghid illi f'Novembru 2016 ir-ragel taghha kien qallha li huh Albert Camilleri kien qed jghid li l-garaxx huwa tieghu u

kien lest li jbieghu jekk isib xerrej. Kien ghalhekk li huma marru ghand avukat u kitbulu biex jirritorna c-cwievet ta' l-imsemmi garaxx u kien insegwitu li Albert ma ghamet xejn li fethu l-kawza.

**L-attur Anthony Camilleri** (a fol. 94 sa fol. 130 tal-process)

L-attur Anthony Camilleri xehed bil-procedura tal-affidavit u jibda billi jghid li huwa mizzewweg lil Antonia Camilleri u l-konvenut Albert Camilleri huwa huh u l-mara ta' huh Tessie Camilleri hija oht il-mara tieghu, b'dan li huma ahwa mizzewga lil zewg ahwa. Jixhed li x-xoghol full-time tieghu huwa dak li jimporta hwejjeg u jbiegh dak li jimporta fuq il-monti. Fil-passat iktar milli hwejjeg importati kien jimporta pezez ta' drapp pero' maz-zmien in-negozju nbidel u aktar beda jimporta hwejjeg 'ready made'. Fl-10 ta' Lulju, 1986 matul iz-zwieg ma' Antonia huwa kien ghamel kuntratt ghand in-Nutar Joseph Spiteri fejn kien xtara porzjon art fabrikabbli minghand diversi nies gewwa l-Iklin limiti Birkirkara indikata bhala plot numru wiehed u erbghin (41) versu l-prezz ta' tlett elef u tlett mitt lira maltin (Lm 3300) u soggetta ghac-cens ta' sittin lira Maltin (Lm 60). Jghid li l-prezz tal-art kien hallsu permezz ta' zewg cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta ghall-ammont ta' hames mitt lira (Lm 500) bhala depozitu u cekk iehor fl-ammont ta' elfejn tmien mija u sittin lira (Lm 2860) fejn l-elfejn lira (Lm 2000) kien il-bilanc tal-prezz u s-sittin lira (Lm 60) kien l-hlas tal-ewwel cens. Ic-cekkijiet inhargu fuq isem Gustav Sciortino u esebixxa kopja taghhom bhala Dok A u Dok B. Barra dawn huwa esebixxa wkoll kopja tal-kuntratt kif ukoll kopja tal-insinwa tar-Registru Pubbliku bhala Dok C u Dok D. Jghid li l-iskop wara x-xiri tal-plot kien sabiex fuqha jibni d-dar tieghu u cioe' maisonette, garaxx ghall-bzonn tal-familja u garaxx iehor (mertu tal-kawza odjerna) sabiex juzah bhala store ghax-xoghol tieghu sabiex fih huwa jahzen il-merca.

Jghid li bhala Perit huwa kien inkariga lil Perit Joe Falzon li qabel ma beda x-xoghol il-Perit Falzon kien preparalu 'bill of quantities'. L-attur esebixxa kopja ta' dan l-allegat bill of quantities li ggib id-data tad-9 ta' Ottubru, 1986 immarkata bhala Dok E. Il-Qorti rat li dan id-dokument jaqra 'kejl ta' xoghol ta' gebel u konkos'. Jghid li bhala bennej huwa kien qabbad lil certu Joseph Schembri u lin-nies li kellu mieghu. Jghid li kien ghamel il-konvenju fl-1 ta' April, 1986 kien kellem lil Joseph Schembri u kkapparrah fis-sens li ntrabat mieghu illi malli jtih id-depozitu ta' elfejn u hames mitt lira (Lm 2500) huwa jkun lest li jibda meta jghidlu. Dakinhar stess li ffirma l-kuntratt u cioe' fl-10 ta' Lulju, 1986 huwa hareg cekk ta' elf lira maltin (Lm 1000) bhala depozitu u sussegwentament fit-23 ta' Lulju, 1986 huwa hareg cekk iehor ta' elf u hames mitt lira (Lm 1500) biex b'hekk huwa hallas id-depozitu kollu miftiehem. Jghid li fil-bidu ta' Ottubru 1986 inbeda x-xoghol u tlesta gebel u saqaf fl-ahhar ta' Jannar 1987 u l-kont ahhari tal-kuntrattur kien dak ta' tmint elef lira Maltin (Lm 8000) li thallsu kollha minnu. Ghal dan il-ghan huwa esebixxa kopja ta' ricevuta bhala Dok H u jghid li huwa kien hallas bi flus kontanti.

Ikompli jghid li sabiex ghamel il-finishes u rama l-binja kollha huwa kien ghamel 'Home Loan' bla problemi mill-Lohombus Corporation li saret permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Gunju, 1987 li thallset kollha minnu bla problemi. Jzid jghid li fil-fatt fis-7 ta' Lulju, 2006 l-ipoteka favur il-Lohombus bhala garanzija ghall-loan giet ikkancellata b'nota ta' Referenza 6132/2006 fejn esebixxa kopja tal-kancellament bhala Dok K. Jghid li x-xoghol ta' finishes kollha inkluz dawl, ilma, aperturi tal-binja kollha thallsu minnu u l-binja kienet lesta lejn l-ahhar tas-sena 1987 u fl-ewwel gimgha tas-sena 1988 zanznu l-binja u bdew juzaw il-garaxx mertu tal-kawza billi jahznu l-merkanzija fih.

Jghid li huwa u huh Albert kienu zewg persuni qrib xulxin u kienu jagixxu bla problemi ghal hafna snin. Jishaq li l-hsieb tieghu li bena zewg garaxxijiet dejjem kien li wiehed juzah ghal bzonnijiet tal-familja u l-iehor juzah ghan-natura tax-xoghol tieghu bhala store ghal merkanzija. Huh Albert kien fl-istess mestier tieghu u negozju u ftit zmien wara li beda juza l-garaxx mertu tal-kawza huh Albert talbu permess biex jibda juza l-garaxx flimkien mieghu sabiex fih jahzen il-merkanzija. Huwa jghid li ma kellux problemi b'dan peress li kienu close hafna u hekk gara ghal hafna snin. Ikompli jzid li min nofs is-sena 1988 il' quddiem bil-permess tieghu huh Albert kien izomm il-merkanzija tieghu fl-imsemmi garaxx u dan ghal snin twal fejn kienu jzommu t-tilari u accessorji ohra. Fis-sena 2000 jew 2001 huh Albert kien zarma minn fuq il-monti u ghalhekk ma kellux aktar x'jahzen bhala merkanzija u kien talbu li jibda juza l-garaxx mertu ta' din il-kawza fejn kien idahhal il-karozza tieghu fil-garaxx. Fil-perijodu kollu jghid li huwa kellu access liberu ghal garaxx tieghu minghajr problemi. Jghid li jaf ukoll li t-tifel tieghu kien ukoll pogga dghajsa fl-istess garaxx. Huwa dejjem ghalaq ghajnejh ghaliex kien huh u martu kienet oht martu u ma riedx jaqla' problemi. Jghid li tul is-snin huh qatt ma kkontenda jew qallu li l-garaxx huwa tieghu anzi bil-kontra dejjem talbu l-permess meta ried jaghmel uzu mill-garaxx. Jghid li huwa sorpriz b'dak li qal huh Albert Camilleri fl-affidavit tieghu fejn qed jghid li l-garaxx huwa tieghu minkejja li kollox jindika li mhux minnu li huwa tieghu. Jghid li hija nkredibbli wkoll il-gidba li l-garaxx mertu tal-kwistjoni kien lest f'Awwissu 1986 u dan kif spjegat bil-provi. Huwa jichad li f'xi mument huwa kellu problemi finanzjarji biex jixtri, jibni jew jaghmel il-finishes fil-proprjeta' tieghu u ghalhekk dahal biex jghinu u in kontrokambju ghal tali ghajnuna huwa tah il-garaxx mertu ta' din il-kawza.

Ikompli jghid li huh Albert gideb meta qal li l-garaxx in kwistjoni kien maqbud mal-Lohombus u li n-Nutar Angelo Vella kien qallu li l-garaxx ma setax jinqaleb fuq ismu ghaliex kien marbut mal-Bank. Il-garaxx qatt ma kien marbut mal-Bank u dan ghaliex il-finishes marbuta ma' dan il-garaxx kienu minimi meta mqabblin mal-garaxx l-iehor li huwa ferm ikbar u l-maisonette. Jghid li filfatt il-garaxx mertu tal-kawza odjerna ma ghandux dawl, ilma, madum u ghamara a kuntrarju tal-ohrajn.

Jaghlaq billi jghid li l-plot kollu li fuqu hemm mibni z-zewg garaxxijiet u l-maisonette ghandhom cens annwu u perpetwu ta' sittin lira (Lm 60) fis-sena liema cens dejjem hallashom hu u huh Alfred qatt u qatt ma hallas parti minnu. Jghid li l-hlas huwa jaghmlu permezz ta' Bank transfer mill-kont tieghu mal-Bank of Valletta ghal kont ta' BCGL Advocates li jigbru c-cens ghan-nom ta' min jircievi c-cens. Huwa esebixxa kopja tat-transazzjonijiet tal-Bank li jindikaw dan il-hlas tac-cens b'mod regolari bhala Dok M.

Jixhed li f'Novembru 2016 kien gie mgharraf illi huh Alfred kien qed jghid man-nies li l-garaxx huwa tieghu u jekk jinqala' xi hadd huwa jbieghu. Jghid li meta sar jaf b'dan huwa kitiblu sabiex jirritorna c-cwievet tal-garaxx u jizgombra minnu. Meta ma tax widen ghal din it-talba huwa fetah din il-kawza fit-22 ta' Frar, 2017.

Xehed li huwa totalment sorpriz kif huh Alfred approfitta ruhu mill-hbiberija li kien hemm bejniethom u vvinta li l-garaxx mertu tal-kawza odjerna huwa tieghu.

**Kontro-ezami fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2019** (a fol. 145 sa fol. 151 tal-process)

L-attur jghid li hu u huh Alfred Camilleri kienu close u kienu jaghmlu xoghol part-time fil-bini. Jikkonferma li huh Albert qallu bil-plot li xtara. Jikkonferma li ilhom madwar hmistax (15) il-sena ma jitkellmux. Jghid li fil-garaxx il-kbir li m'ghandux x'jaqsam ma' dak fil-kawza jdahhal il-karozzi u x-xoghol ukoll. Jichad li fil-garaxx iz-zghir huwa qatt ma kellu xoghol mahzun. Jghid li sa hames snin wara li nbena mill-inqas huwa baqa jahzen l-affarijiet f'dan il-garaxx z-zghir. Jghid li wara dawn il-hames (5) snin halla xi haga fih sakemm zbarazza kollox. Iwiegeb li minn hamsa u ghoxrin (25) sena l' hawn huwa zamm l-affarijiet tieghu fil-garaxx il-kbir tieghu u baqa' juzah il-konvenut Albert biss.

Iwiegeb li cavetta kellu sallum pero' hadd ma jista' jiftah ghaliex il-garaxx huwa mikri minn huh u hemm il-karozzi go fih. Jghid li b'cavetta tiftah pero' hemm katnazz tas-sid tal-karozza. Iwiegeb li huh Albert krieh il-garaxx u ilu sena u qabel dan krieh tliet darbiet ohra ghal zmien ta' sena kull darba. Iwiegeb li kien jaf li huh Albert jikri l-garaxx pero' hu ma kien jithallas xejn. Jghid li ma kienx jithallas ghaliex il-garaxx huwa tieghu. Jikkonferma li prezentement il-garaxx huwa mikri u din il-kirja saret mill-konvenut. Qatt ma talab hlas tal-kera migbura. Iwiegeb li hu kien diehel u hiereg sakemm darba huh Albert nizel minn San Pawl il-Bahar u talbu cavetta u dan bejn hmistax (15) jew ghaxar (10) snin ilu.

Jixhed li l-garaxx kien mghammar bid-dawl biss u ilma ma kienx fih. Jghid li d-dawl dam hemm sakemm ried hu, sakemm gew bil-kwistjonijiet u qabad u qalghu u dan billi qatghu mill-garaxx l-iehor u dan inqas minn hmistax-il (15) sena ilu. Iwiegeb li dan ghamlu ghaliex huh Albert kien hadlu c-cavetta u ghalhekk kien

qabad u qata' d-dawl. Iwiegeb li wara dawn is-snin it-tifel tiegħu darba biss daħal fil-garaxx.

**Kunsiderazzjonijiet legali:**

Illi l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> 'L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.'

Dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, din il-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Lawrence Zammit Haber -vs- Joan Zammit Haber et** deciza nhar il-21 ta' April, 2015 irrilevat illi:

> *'Il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tippresupponi pussess legittimu ta' tletin sena. Il-pussess ghandu jkun materjali u ntenzjonali, jigifieri l-intenzjoni tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien proprjetarju. Minbarra dan, il-pussess necessarju ghal din it-tip ta' preskrizzjoni jrid ikun ukoll wiehed legittimu kif jinghad fl-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:*
> *'(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.'*
> *Id-difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiccita lil Laurent dwar it-tifsira ta' kull rekwizit kif isegwi:*
> *1. <u>pussess kontinwu:</u> "Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal*

*fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli. ...... Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possessore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 275);*

*2. <u>pussess mhux miksur:</u> "Il possesso e' interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L'interruzione produce l'effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all'interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra' invocarsi il possesso futuro." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 278);*

*3. <u>pussess pacifiku:</u> "La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo' esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un'azione giudizziaria ..... la turbativa di fatto ..... si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario tenta di espellere il possessore." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 281);*

*4. <u>pussess pubbliku:</u> "Il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 286);*

*5. <u>pussess mhux ekwivoku:</u> "Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 290).*

*Iz-zewg partijiet in oltre jiccitaw diversa gurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali fosthom:*

***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella**, Qorti tal-Appell, 13 ta` Marzu 1953 fil-kawza (Kollez. Vol. XXXV.i.105):*

*'Illi pero' kif intqal ghall-effacija taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta` fatt fuq il-haga, u l-*

*iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-propjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Ghalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b'mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprija imma bhala haga ta' haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fede ... Dan il-pussess b'ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.'*

*Fis-sentenza* ***Michael Farrugia et vs Joseph Cassar et*** *[Rik. Gur. 63/2004/AE] deciza fit-28 ta` Mejju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014, kienet citata silta minn sentenza tat-Tieni Sezzjoni Civili tal-Corte di Cassazione tal-Italja moghtija fit-18 ta` April 2003 kif isegwi:*

*'il possesso ad usucapionem dei beni immobili deve essere non solo continuato, ininterrotto e pacifico, ma anche pubblico ed esercitato coscientemente, nel senso, cioè, che deve concretarsi in un potere che si manifesti attraverso fatti e comportamenti, in una attività intenzionale del possessore, corrispondente all'esercizio di un diritto dominicale sull'immobile (o di altro diritto reale di godimento sullo stesso).'*

*Fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et. vs. Francis Montanaro****, Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Gunju 2003:*

*'Huwa pacifiku illi l-proprjeta' ma tintilfix bin-nuqqas ta' uzu da parti tas-sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabbilit u skond il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu . . . Il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt*

*eccepit minnu irid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titiqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika 'longissimi temporis praescriptio'. Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jippossjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta' li hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawn il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita' tal-pussess animo domini, kongunta s'sintendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tissahhah il-preskrizzjoni. Jinsab insenjat ukoll illi l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini.'*[1]

*Ghal dak li jikkwalifika bhala pussess diversi decizjonijiet tal-Qrati Maltin*[2] *ikkonfermaw dak li josserva* ***Laurent*** *(Diritto Civil Vol XXX11, para 297) cioe':*

*'colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirare da un istante all'altro.'*

*Dan il-bran gie kkwotat miz-zewg partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Louis Vella et vs. Joseph Gatt*** *(Prim'Awla, deciza nhar it-12 ta' April 2002 inghad kif isegwi:*

*'Biex wiehed ikollu pussess "pubbliku" irid jaghmel att ta'*

---

[1] Fuq l-istess linja ara wkoll **Carmelo Caruana vs. Orsa Vella**, Qorti tal-Appell deciza 13 ta' Marzu, 1953; **Joseph Aquilina noe vs. Sunny Homes Limited et**, Prim'Awla deciza 5 ta' Ottubru, 2004; **Katie Caruana Grech vs Victor Briffa Brincat**, Prim'Awla deciza fl-14 ta' Jannar, 2015.

[2] **Elena Fenech vs. Ignazio Aquilina**, Prim'Awla deciza 18 ta' Ottubru, 1984, **Marlene Manfre vs. Connie Spiteri Maempel**, Appell Civili deciza 24 ta' April, 1989.

*dominju fuq il-fond (ez, ihawwel sigar, igib hamrija, jtella' bini, ecc) ghax, altrimenti, il-pussess ma jkunx "pubbliku" .... Il-Ligi trid dan l-element biex min ikun interessat ikollu l- opportunita' jara x'inhu jigri fuq l-art ... Il-ligi trid li l-pussess ikun pubbliku biex it-terz interessat ikollu l-opportunita' jikkontrolla x'inhu jigri fuq l-art tieghu, it-terz interessat jitlef l-interess tieghu fuq art jekk jara jew seta' jinduna x'inhu jigri fuq l-art u ma jaghmel xejn. Kif jghid ir-Ricci ("Diritto Civile" – Vol. V – para 56), il-pussess hu pubbliku "quando il possessore, nell'esercitarne gli atti relativi, si diporta in modi che che ha l'interesse ad acquistare conoscenza de medesimi puo' facilmente procurarsi.'*[3]

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Antonio Pace et vs Rev. Henry Abela O.P.****, Prim'Awla, deciza fil-5 ta' Lulju 2004, debitament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2011 jinghad kif isegwi:*

*'Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali m'hemmx bzonn il-'giusto titolo' u lanqas il-'buona fede' minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun animo domini ... l-bona fede mhix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala 'causa acquisitionis' tista' tkun tacita, cioe' deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni (Vol. XXXV.i.105), u dan kif ikkonfermata fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet: It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras*

---

[3] Ara wkoll **Helma Muscat Doublesin vs. Kummissarju tal-Art**, Prim'Awla deciza 26 ta' Novembru, 2010.

*d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut, deciza fit-28 ta' Marzu, 2003.'*
*Fil-fatt fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d`Amico Inguanez vs Emanuel Sammut****, Prim'Awla, deciza 28 ta` Marzu, 2003 jinghad kif isegwi:*
*'Mhux bizzejjed ikollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta' haddiehor ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.'*

**Kunsiderazzjonijiet fattwali:**

Illi mill-atti jirrizulta li l-atturi Anthony u Antonia konjugi Camilleri xtraw l-porzjon art msejjha bhala 'Ix-Xaqfa ta' Barra' fil-kontrada tal-Iklin limiti ta' Birkirkara permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 10 ta' Lulju, 1986 (a fol. 21 sa fol. 23 tal-process). Jirrizulta li fuq din il-porzjon art huma bnew zewg garaxxijiet wiehed ikbar mill-iehor u maisonette fuq dawn il-garaxxijiet bl-isem 'Andarugo' fi Triq Censu Busuttil, Iklin liema maisonette hija r-residenza tal-atturi sal-prezent.

Il-konvenut Albert Camilleri jeccepixxi li l-garaxx iz-zghir li nbena fuq il-porzjon art mixtrija mill-atturi ilu fil-pussess tieghu ghal aktar minn tletin (30) sena. Jishaq li dan inghata lilu in kontrokambju tal-arja li huwa taha lil bennej tal-atturi wiehed certu Joe mlaqqam il-'Bull' bhala hlas sabiex ikompli jibni lill-atturi. Jinsisti li l-atturi qatt ma nterpellawh lanqas verbalment sabiex jizgombra mill-garaxx u ghalhekk l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2143 tal-Kodici Civili.

Illi jigi rilevat li a tenur tal-Artikolu 2127 u l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili l-preskrizzjoni tinkiser jew billi l-pussessur jigi mnehhi ghal izjed minn sena mit-tgawdija tal-haga jew inkella

b'att gudizzjarju. Dawn iz-zewg artikoli jistipulaw illi:

> '2127. Il-preskrizzjoni tinkiser meta l-pussessur jiġi mneħħi, għal iżjed minn sena, mit-tgawdija tal-ħaġa, sew jekk mis-sid sew jekk minn ħaddieħor.
>
> 2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.'

Il-Qorti rat li mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut Albert Camilleri gie notifikat b'att gudizzjarju a tenur tal-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili. L-unika interpellazzjoni li saret mill-atturi kienet permezz ta' ittra legali datata 15 ta' Novembru, 2016 fejn permezz taghha l-attur Anthony Camilleri talab li tigi kkonsenjata lilu mill-konvenut Alfred Camilleri c-cavetta tal-garaxx (ara ittra a fol. 37 tal-process). Jirrizulta li din l-interpellazzjoni m'hijiex wahda li tikser iz-zmien skont il-ligi stante li ma tekwivaliex ghal att gudizzjarju. Wara din l-ittra l-unika interpellazzjoni ufficjali li saret kienet permezz tal-kawza odjerna li giet intavolata nhar l-20 ta' Frar, 2017 u notifikata fil-15 ta' Marzu 2017.

Illi wkoll fir-rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 2127 tal-Kodici Civili qabel xejn irid jigi ezaminat jekk effettivament l-konvenut ressaqx il-prova li kien fil-pussess tal-garaxx kif trid il-ligi ghal zmien tletin (30) sena. Ikun biss wara li jigi ezaminat dan, li jkun jista jigi determinat jekk l-konvenut giex imnehhi mill-pussess tal-haga ghal zmien ta' iktar minn sena.

Dan premess, jinghad li bejn il-partijiet m'hemmx qbil li l-

konvenut ilu fil-pussess tal-garaxx ghal zmien tletin (30) sena u dan in-nuqqas ta' qbil johrog car mis-sottomissjonijiet finali rispettivi tal-partijiet.

**<u>Pussess:</u>**

Illi dwar din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-argument primarju tal-atturi huwa li huwa inverosimili li l-konvenut dahal fil-pussess tal-garaxx f'Awwissu 1986 u dana stante li jsostnu li kien difficli ferm li l-bini gia kien lest fi zmien tlett gimghat minn meta sar il-kuntratt ta' akkwist tal-art. L-attur da parti tieghu jixhed li huwa kien inkariga lill-Perit Joe Falzon sabiex jippreparalu 'Bill of quantities' datata 9 ta' Ottubru, 1986 (a fol. 105 sa fol. 111 tal-process) u *'…x-xoghol inbeda mill kuntrattur Joseph Schembri u l-'gang' ta' haddiema tieghu immedjatament biex il-bini kollu kien lest gebel u saqaf prattikament fl-ahhar ta' Jannar 1987'*. Bhala prova l-attur jipprezenta kopji ta' zewg cekkijiet datati 10 ta' Lulju, 1986 u 23 ta' Lulju, 1986 (a fol. 112 tal-process) li allegatament bihom l-attur ta' depozitu lil Joseph Schembri – il-bennej sabiex jibda x-xoghol fuq il-binja tieghu. L-attur ikompli jixhed li l-binja tieghu kienet lesta gebel u saqaf fl-ahhar ta' Jannar 1987 fejn xehed illi: *'…Fil-fatt ix-xoghol beda fil-bidu ta Ottubru 1986 u s-sit kien tlesta gebel u saqaf fl-ahhar ta' Jannar 1987'*.

Da parti tal-konvenut jixhed fl-affidavit tieghu a fol. 26 sa fol. 37 tal-process li huwa ha l-pussess tal-garaxx fl-Awwissu tas-sena 1986. Jghid illi: *'Il-garaxx in kwistjoni li kien inghata lili minghand hija bi tpartit mal-arja imsemmija, gie f'idejja f'Awissu 1986.'* Jixhed li fil-fatt tant li gie f'idejh dak iz-zmien li huwa hallas ghall-bieb tal-garaxx lil certu Gejtu Camilleri permezz ta' cekk fl-ammont ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) liema cekk igib id-data tal-11 ta' Awwissu, 1986 (ara fol. 46).

Kif jidher car, il-verzjonijiet tal-partijiet huma konfliggenti, u difficli jaqblu dwar meta tlesta l-bini u meta l-konvenut dahal materjalment fil-pussess tal-garaxx. Pero' minn evalwazzjoni semplici, jekk tittiehed id-data ta' l-ahhar ta' Jannar 1987 (hekk kif iddikjarat mill-atturi meta tlesta x-xoghol ta' bini u thallas kollu) bhala d-data li l-konvenut Albert Camilleri allura kien dahal u ha pussess tal-garaxx jirrizulta li t-tletin (30) sena ghalqu f'Jannar 2017. Il-kawza odjerna giet intavolata fl-20 ta' Frar, 2017 b'dan li jirrizulta li f'dak il-kaz it-terminu preskrittiv iddekorra jekk huma wkoll sodisfatti izda r-rekwiziti kollha tal-pusess.

Minn analizi tal-provi jirrizulta kkonfermat minn terzi estranei li l-konvenut Albert Camilleri esklussivament ilu jokkupa l-garaxx mertu tal-kawza odjerna l' fuq minn tletin (30) sena. Dan gie ikkonfermat mill-girien Victor Muscat kif ukoll minn Helen Ciantar li entrambi jghixu faccata tal-garaxx mertu tal-kawza odjerna.

Gie kkonfermat ukoll mix-xhud Gaetano Camilleri - l-persuna li nstallat il-bieb tal-garaxx mertu tal-kawza odjerna - li l-bieb gie ordnat u thallas minn Alfred Camilleri. Ikkonferma wkoll li l-bieb tal-garaxx gie mhallas permezz ta' cekk f'Awwissu 1986. Xehed illi:

> *'Wara certu zmien, Albert qabbadni naghmillu bieb ta' garaxx iehor li hu l-garaxx li jinsab fuq in-naha tax-xellug tal-garaxx li tieghu kont gia ghamiltlu l-bieb, l-Iklin (hemm ukoll bieb bejn iz-zewg garages). Dan il-bieb tal-garaxx tal-ahhar ghamiltu madwar tletin sena ilu. Niftakar li dejjem lil Albert kellimt fuq dan il-bieb u fil-fatt kont gejt imhallas minn Albert stess.'*

Illi l-konvenut Albert Camilleri ressaq ukoll bhala xhud lil John

Xuereb fejn xehed li fis-sena 2003 huwa kera l-garaxx mertu tal-kawza odjerna ghal perjodu ta' sena minghand l-konvenut Alfred Camilleri. Issa, l-attur in kontro-ezami kkonferma li l-konvenut kera l-garaxx in kwistjoni diversi drabi. Hekk xehed:

'Dr Ian Vella Galea: U inti kont taf li mikri
Ix-Xhud: U zgur kien jaf hu, anke …
Dr Ian Vella Galea: Le jien qed insaqsi lilek, inti kont taf li kien mikri.
Ix-Xhud: Iva kont naf li kien mikri
Dr Ian Vella Galea: U kemm kont tithallas inti ta' din il-kera?
Ix-Xhud: Jien xejn.
Dr Ian Vella Galea: Xejn. Ma hadt xejn jigifieri.
Ix-Xhud: Jekk kien tieghi dak!
Dr Ian Vella Galea: Kien tieghek u ma hadt xejn kera!
Ix-Xhud: Xejn, le le le xejn. Ghax meta hrigt l-affarijiet jien … ma kellix … hallejtu juzah hu.'

Illi din il-Qorti tqis li huwa kontradittorju ghall-ahhar illi l-attur ma lmentax meta ra li l-garaxx proprjeta' tieghu qed jigi mikri minn huh ghal darba, tnejn u tlieta meta skont hu dan qieghed ghand huh il-konvenut purament b'mera tolleranza. Biss biss jirrizulta ppruvat li l-garaxx inkera zgur fis-sena 2003 u da parti tal-atturi ma ttiehdu l-ebda passi. Sahansitra l-attur in kontro-ezami jikkonerma li prezentement il-garaxx jinsab mikri lil terz u li din il-kirja saret mill-konvenut.

Irrizulta wkoll mill-provi illi l-arja fuq il-garaxx proprjeta' tal-konvenut giet mibjugha lil certu Bartolomeo Gauci fil-5 ta' Dicembru, 1986 (ara kuntratt a fol. 33 sa fol. 35 tal-process) u cioe' ftit xhur wara li l-atturi akkwistaw l-plot taghhom u bdew jibnu r-residenza taghhom. Din il-prova sservi bhala korroborazzjoni

ghall-verzjoni tal-konvenut.

Illi l-konvenut isostni li meta mar jistaqsi lin-Nutar Angelo Vella sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu u jsir it-trasferiment tal-garaxx mertu tal-kawza odjerna jghid li n-Nutar infurmah li t-trasferiment ma jistax isir peress li l-garaxx kien marbut mal-Bank. Da parti tal-atturi dan gie michud bis-shih. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-ittra sanzjonarja misjuba a fol. 55 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li l-garanzija moghtija kienet fuq is-segwenti:

> 'Security (a) First General Hypothec and Special Hypothec and Special Priviledge for Lm 8000- over 'Andarugo' Censu Busuttil Street, L-Iklin including garage.'

Illi minn dak li jirrizulta mill-ittra sanzjonarja u mill-kuntratt ta' self (a fol. 76 sa fol. 83 tal-process) huwa minnu li l-garaxx ma kienx maqbud b'ipoteki favur il-bank u dana peress li d-deskrizzjoni kienet 'including garage'. Pero' mkien fl-atti ma tressqet il-prova li l-intimat kien ra kopja tal-ipoteka in kwistjoni jew tas-'sanction letter' meta talab il-parir u lanqas li n-Nutar minghand min ha l-parir il-konvenut kien ra l-istess. Il-Qorti xejn ma tara bi kbir li n-Nutar meta nghata l-informazzjoni li hemm 'loan' mal-bank allura assuma li l-garaxxijiet huma t-tnejn ipotekati. Pero' l-Qorti tinnota wkoll li essenzjalment ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni jekk il-garaxx kienx marbut jew le b'ipoteka ma jaghmel ebda differenza ghajr sabiex jigi stabbiliti l-veracita' tal-fatti. Fi kwalunque kaz, l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jghid illi: '…u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.' Illi ghalhekk huwa sufficjenti li jigi ppruvat pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, mhux ekwivoku u ghal zmien determinat mill-ligi ghal finijiet ta' preskrizzjoni.

Apparti x-xiehda suesposti mressqa mill-konvenut, il-konvenut ressaq ukoll ix-xiehda ta' Jennings Camilleri, Denise Micallef u Annalise Micallef – ulied il-konvenut Alfred Camilleri li lkoll ikkonfermaw li l-garaxx ilu fil-pussess ta' missierhom il' fuq minn tletin (30) sena. Dan premess, din il-Qorti rat li hadd mix-xiehda tal-konvenut ma sarlu l-kontro-ezami mill-atturi ghajr ghall-istess konvenut.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi minn analizi tal-assjem tal-provi kollha fl-atti din il-Qorti tasal ghall-konkluzjonijiet segwenti:

i. Illi l-fatt li arja tal-proprjeta' tal-konvenut Albert Camilleri nbieghet f'Dicembru tas-sena 1986 u ghalhekk fiz-zmien li skont l-istess attur kien qed isir il-bini tal-prorpjeta' tieghu din il-Qorti ma tqisx li hija biss mera kumbinazzjoni anzi dan jikkorobora l-verzjoni tal-konvenut;

ii. Illi din il-Qorti ma tistax tinjora l-prova li tressqet mill-konvenut permezz tax-xhud Gaetano Camilleri li kkonferma li l-bieb ghall-garaxx in kwistjoni sar minnu fuq ordni tal-konvenut Albert Camilleri u li huwa thallas tal-istess bieb fil-11 ta' Awissu, 1986. Din hija prova li l-garaxx in kwistjoni kien fil-pussess tal-konvenut zgur sa minn dik id-data;

iii. Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax il-kontradizzjonijiet kbar bejn dak li l-attur xehed fl-affidavit tieghu a fol. 94, dak li xehdet martu fl-affidavit taghha a fol. 92 u dak li xehed l-attur in kontro-ezami a fol. 145 *et seq* tal-process. Biss biss jigi rilevat li fil-kontro-ezami l-attur jammetti li l-garaxx ilu fil-pussess uniku tal-konvenut ghal snin twal u li sahansitra l-konvenut jikri dan il-garaxx lil terzi

filwaqt li l-attur ma pretendiex hlas ta' din il-kera. Dawn il-fatti mkien ma semmew mill-attur u martu fl-affidavit tieghu. Sahansitra l-attur in kontro-ezami jammetti li sabiex ibnu kien idahhal il-karozza fil-garaxx kien jaghti bhala hlas xi pasti lill-konvenut. In oltre, l-attur stess jikkonferma li kien hu stess li qata' s-servizz tad-dawl mill-garaxx in kwistjoni billi qatghu mill-garaxx l-iehor proprjeta' tieghu. X'raguni jista' jkollu sid li jaqta' l-provvista tad-dawl ghal proprjeta' tieghu stess! Dan kollu certament ma jirriflettix attitudni ta' sid li jippretendi li l-garaxx in kwistjoni huwa tieghu.

iv) Il-Qorti rat ukoll li l-allegat 'bill of quantities' li l-attur jipprezenta bhala suppost prova li x-xoghlijiet bdew wara Ottubru 1986 (ara fol. 105 et seq) huwa fil-fatt intitolat 'kejl ta' xoghol ta' gebel u konkos'. Dan id-dokument indubbjament jindika kejl ta' xoghol ta' bini lest u mhux xoghol ta' bini li ghad irid isir. Dan ifisser li f'Ottubru, 1986 il-bini kollu tal-attur inkluz is-sular ta' fuq kien lest. Dan ukoll ifisser li l-garaxx in kwistjoni li jinsab fis-sular t'isfel kien minn ta' l-ewwel li tlesta u ghalhekk hija verosmili hafna l-verzjoni tal-konvenut li huwa nghata l-pussess tal-garaxx in kwistjoni f'Lulju 1986 ghall-kuntrarju ta' dak li jixhdu l-atturi.

v) Il-fatt li l-attur ma ressaq lil hadd mix-xiehda tal-konvenut in kontro-ezami nonostante li dawn kollha kkolloboraw il-verzjoni tal-konvenut huwa wkoll fattur li jqajjem dubji serji fuq il-veracita' ta' dak li qed isostni l-attur fil-proceduri odjerni.

vi) Illi l-Qorti tara wkoll bil-wisq suspettuz li l-atturi mkien fix-xiehda taghhom ma jsemmu li huma ghamlu zmien jghixu fil-garaxx il-kbir (li mhux in kontestazzjoni) sakemm inbniet id-dar (kif jixhed il-konvenut) filwaqt li l-konvenut isemmi sahansitra li dan kien sar stante li l-atturi bieghu l-fond taghhom f'San Pawl il-

Bahar lil certu Magistrat Dr Depasquale u li kellhom johorgu malajr minnu ghaliex ix-xerrej ried il-fond malajr. Mhux kontestat li dawn iz-zewg garaxxijiet nbnew flimkien fl-istess zmien u ghalhekk jirrizulta li l-garaxxijiet inbnew qabel is-sular ta' fuq u ghalhekk ukoll la darba l-kejl tal-binja kollha sar f'Ottubru, 1986 allura huwa verosimili hafna li dawn kienu gia mibnija f'Lulju, 1986 kif isostni l-konvenut.

vii) Illi finalment din il-Qorti ssibha verament difficli li temmen li l-konvenut seta' jkollu daqshekk immaginazzjoni fertili li jivvinta l-verzjoni ta' fatti kif mressqa quddiem din il-Qorti minnu u sahansitra jirnexxielu jressaq provi dokumentarji li jissostanzjaw din il-verzjoni u wkoll diversi xiehda.

Illi ghaldaqstant la darba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet suesposti, ai fini tal-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut, jonqos li din il-Qorti tara hix sodisfatta li l-elementi kollha tal-pussess humiex sodisfatti:

1. Jirrizulta sodisfacentement pruvat lil din il-Qorti li l-konvenut ha l-pussess tal-garaxx f'Awwissu 1986 u fl-aghar ipotezi f'Jannar, 1987 skont ix-xiehda tal-istess attur. Il-kawza odjerna giet prezentata fl-20 ta' Frar, 1987 b'dana li jirrizulta t-trapass tat-tletin sena li trid il-ligi;

2. Jirrizulta wkoll ampjament pruvat li l-konvenut dejjem zamm il-pussess tal-garaxx in kwistjoni bl-animu li dan huwa tieghu u dan bi ftehim ma' huh l-attur. Dan ikkonfermawh ukoll bosta xiehda kemm familjari u wkoll girien. Tant hu hekk li l-konvenut sahansitra krieh diversi drabi lil terzi minghajr ebda opposizzjoni jew mod iehor da parti tal-attur. Ghalhekk dan l-element huwa wkoll pruvat;

3. Il-pussess tal-garaxx f'idejn il-konvenut inekwivokabilment kien wiehed pubbliku stante li l-atturi jghixu kwazi bieb bieb mal-konvenut u certament ma jistghux jargumentaw li ma kienux jafu li l-garaxx kien jinsab fil-pussess tal-konvenut. Sahansitra kienu jafu li dan jigi mikri lil terzi mill-konvenut u qatt ma kkontestaw dan il-fatt.

4. Fl-atti wkoll ma tressqet l-ebda prova tangibbli li f'xi mument tul id-dekors tat-tletin sena l-konvenut gie b'xi mod privat mill-pussess tal-garaxx ghalhekk il-pussess tal-konvenut jirrizulta wkoll li kien wiehed kontinwu ghal tul il-perijodu kollu li trid il-ligi.

Il-Qorti ghalhekk tqis li gie sufficjentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-garaxx in kwistjoni kien fil-pussess kontinwu, pacifiku, pubbliku, mhux ekwivoku u mhux miksur tal-konvenut ghal perjodu ta' tletin (30) sena u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi milqugha. In vista ta' dan jirrizulta wkoll li l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fil-mertu tal-kaz.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti din tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwizittiva trentennali mqajjma mill-konvenut Albert Camilleri u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu nterament sopportati mill-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Gunju, 2020**